MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1282/2003

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Awissu 2001 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; u

Premess illi ghal dan iz-zwieg il-konvenut ta l-kunsens tieghu ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamel dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Premess illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga tieghu u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.
Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fit-23 ta' Awissu 2001 huwa null fil-ligi ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Mill-provi rrizulta li fit-23 ta' Awissu 2001 gie kuntratt zwieg bir-rit civil bejn l-attrici, li allura kellha 17 il-sena, u l-konvenut, ragel ta' nazzjonalita' Libjana li f dak iz-zmien kellu 22 sena, u dana wara gherusija ta' sitt xhur inkluzi tlett xhur konvivenza pre matrimonjali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Il-koppja nfirdet wara ftit xhur taz-zwieg.

Illi jirrizulta li, ghalkemm qabel iz-zwieg il-konvenut kien jghid lill-attrici li huwa ried jizzewweg biex jibni familja u jkollhom it-tfal, dan il-hsieb kif ukoll il-komportament

tieghu tbiddlu hesrem wara z-zwieg. L-attrici tghid li wara z-zwieg il-konvenut kien qallha li ma kienx ried tfal; u di fatti fir-relazzjonijiet intimi bejniethom il-konvenut kien jiehu l-prekawzzjonijiet biex ma jkollhomx tfal. L-attrici ssostni li l-konvenut kien izzewwigha bl-uniku skop li jkun jista' jibqa' Malta. Fix-xhieda taghha tghid li wara z-zwieg il-konvenut kien isawwatha u kien johdilha l-flus kollha li kienet iddahhal mill-impieg taghha, filwaqt li flusu kien izommhom ghalih.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-versjoni moghtija mill-attrici hija verosimili, apparti mill-fatt li ma gietx kontestata mill-konvenut. Mill-provi jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, il-konvenut b' att posittiv tal-volonta' tieghu eskluda mhux biss wiehed mill-elementi essenzjali fil-hajja matrimonjali u cioe' unjoni permanenti diretta wkoll ghall-prokreazzjoni tal-ulied u t-trobbija taghhom, imma ukoll eskluda z-zwieg innifsu. Dan qed jinghad ghax mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix il-hajja matrimonjali ma' l-attrici, u l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu kienet biss messa in scena sabiex dan ikun mizzewweg mara Maltija u jkun jista' jibqa' jghix Malta. Di fatti qabel ma zzewwgu, l-konvenut ma kellhux permess biex jibqa' Malta, u kien wara z-zwieg li dana akkwista permess u beda jahdem bil-ktieb tax-xoghol.

Stabbilit il-premess il-Qorti f' dan il-kaz tirravvisa fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikoli precitat, u ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tiddikjara iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Awissu 2001 null u bla effett fil-ligi fit-termini tal-Artikolu 19[1][f] tal-Kap.255, u dan ghar-raguni imputabbli esklusivament lill-konvenut. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------